MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Numru. 34/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**
**VS**
**EMANUEL BALZAN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Emanuel Balzan ta' 35 sena, bin Joseph u Lucia nee' Pace, mwieled Attard fis- 26 ta' Jannar 1977 u joqghod 138, Triq Santa Lucija, Naxxar u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 128177M ;

Talli f' Jannar 2008 u fix- xhur u s- snin ta' qabel, f' dawn il- Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) b’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’ qerq ta’ aktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta’ Joseph Sultana mix- Xaghra (Ghawdex);

2) aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, s- somma ta aktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta’ Joseph Sultana mix- Xaghra (Ghawdex), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 25 ta’ April, 2011, fejn gew indikati l-Artikoli tal-ligi li tahthom kellu jigi gudikat l-imputat f’din il-kawza;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta’ eghluq ta’ provi tal-Prosekuzzjoni f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza kienet bdiet fil-11 ta’ Jannar, 2008, meta l-imputat kien tressaq b’arrest akkuzat li kien ghamel frodi f’ammont qrib sitt mitt elf liri maltin, illum ekwivalenti ghal

madwar miljun u erba’ mitt elf ewro. Fil-qosor, dawn l-ammonti ta’ flus inghataw lill-imputat fuq perijodu ta’ sentejn jew tlitt snin minn Joseph Sultana minn Ghawdex. Dawn il-flus kienu inghataw lil Balzan sabiex Sultana kien minn ghalih li jista’ jgib sussidji kbar mill-Unjoni Ewropea billi jhallas ammonti ta’ flus kif kien ghamel. Sultana kien fil-fatt issellef ammonti kbar ta’ flus biex ihallashom lill-imputat, u kien anke biegh proprjeta’ tieghu ghal dan l-istess skop. Balzan kien allegatament ighaddi dawn il-flus lil avukat, u kien issemma’ avukat Farrugia, minghajr qatt ma gie identifikat hadd b’dan l-isem. Meta Sultana ra li wara ammont ta’ zmien, l-ebda sussidju ma gie lura, izda kienu bdew ifittxuh in-nies li silef minn ghandhom, kien hemm li Sultana stess ghamel rapport lill-Pulizija u nbdew dawn il-proceduri.

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn toqghod tezamina l-provi prodotti u taghmel il-konsiderazzjonijiet mehtiega. Jidher car li l-imputat kien rebah il-fiducja ghamja ta’ Sultana, u kien hadlu ammont enormi ta’ flus, kwazi dejjem kontanti, fuq medda ta’ sentejn jew tlieta. Kien holoq makkinazzjoni shiha biex ipperswada lil Sammut jafdalu tant flus, sahansitra billi involva karattru immaginarju imsejjah l-avukat Farrugia, liema persuna, izda, irrisultat li ma tesistix. Dan kien l-agir ta’ dak li jissejjah “con man” jew “confidence trickster”, u lahaq l-ghan tieghu billi kellu persuna troddlu flejjes kbar ghal xejn b’xejn.

Illi mil-lat ta’ gurisprudenza, il-Qrati taghna huma cari fuq l-elementi tar-reat ta’ truffa. Hekk, per ezempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet “Pul. V. Gino Zammit”, deciza fis-17 ta’ Settembru, 2008, il-Qorti qalet hekk:

“Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta: "*L-element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe' dawk l-artifizji jew raggieri idoneji li jinducu w li effettivament ikunu nducew lill-vittma fi zball - ingann - li b' konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf*

*patrimonjali bil-korrispondenti qliegh ghall-agent."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Emanuele Ellul"** [20.6.1991].

Dawn l-elementi fil-fehma ta' din il-Qorti kollha jikkonkorru f' dan il-kaz. Inoltre, peress li l-ingann intuza aktar minn darba, biex mil-inqas saru zewg pagamenti lill-appellant u lill-"Ispettur Darmanin" fazull, ir-reat ta' truffa fil-konfront ta' Maria Sciberras, kontemplat fl-artikolu 308 bl-aggravanti tal-ammont kontemplat fl-artikolu 310 (1) (a), kien ukoll reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali."

L-elementi indikati hawn fuq jinkwadraw ruhhom perfettament f'din il-kawza. L-imputat kien ikkonvinca lil Sultana li aktar ma jhallas flus lill-Unjoni Ewropea, dawn aktar kienu ser jaghtuh flus lura, u ghalhekk beda jhallas lil Balzan dawk l-ammonti konsiderevoli. Bis-sahha ta' dan l-agir tal-imputat, Sultana huwa bniedem fallut u mkisser, b'dejn ma' terzi li ma jista' qatt ihallas lura, hekk kif l-imputat huwa fl-impossibilita' li jhallas lura lil Sultana dawk il-flejjes kollha li ffroda minnu.

Illi ghalhekk, bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti trid tara l-piena li ghandha tkun applikabbli u idoneja ghal dan il-kaz. L-ammont mertu tal-kawza huwa wiehed fenomenali, patrimonju li ftit nies imissu mieghu tul hajjithom kollha. Il-piena ai termini tal-Artikolu 310 tal-Kap 9 hija ta' prigunerija bejn tlittax-il xahar u seba' snin. Bl-applikazzjoni tar-reat kontinwat, il-piena tista' toghla bi grad jew tnejn, sa massimu ta' tnax-il sena. Id-difiza issottomettiet li l-imputat ghandu proceduri ohra pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u ghalhekk argumentat li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-possibilita' reali li hu kien ser jehel pieni ohra ta' prigunerija, apparti din. Id-difiza sostniet li l-Qorti ghandha tikkalibra l-piena b'mod li l-imputat ma jigix pregudikat minhabba l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx numru ta' kawzi flimkien f'kawza wahda, kif solitament taghmel f'proceduri ohra. Bid-dovut rispett lejn id-difiza, dan l-argument jista' jregi biss sa certu punt. Huwa minnu li l-Qorti ghandha zzomm quddiem ghajnejha diversi fatturi meta tigi biex tikkalibra l-piena f'kaz bhal dan, izda l-Qorti

llum ma tistax izzomm lura mal-imputat meta dan ghazel li fuq medda ta’ snin hu iddefrawda lil diversi persuni ammoni astronomici ta’ flus, biex ighix hajja ta’ “pop star celebrity”. Kien hu li ghazel li ma jzommx lura milli jidhaq bin-nies ta’ madwaru, wara li rebah il-fiducja ghamja taghhom, u jislohhom hajjin mill-flus kollu taghhom. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha turi hniena mal-imputat, wara li l-anqas ghamel tentattiv wiehed ckejken li jrodd lura imqar parti zghira mill-flus li ffroda minn Sultana. In vista tal-ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni fil-verita’ giet tard fil-proceduri, wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi kollha taghha, din il-Qorti mhix ser toghla mill-massimu tal-piena b’zewg gradi, izda ser toghla mill-massimu bi grad wiehed, ghax fil-fehma taghha l-imputat ma haqqu xejn hlief il-massimu tal-piena f’dan il-kaz.

Kwantu ghall-ispejjez tal-esperti mahtura mill-Qorti, l-imputat ghandu jhallas dawn l-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9, li f’dan il-kaz ammontaw ghal €696.25 (vide retro ta’ fol. 540 tal-process).

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 293, 294, 17, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah disa’ (9) snin prigunerija.
Tordna lill- imputat ihallas l- ispejjez tal- Esperti ai terminu tal- Artikolu 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, ammontanti ghal €696.25.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------